KUNSILL LOKALI **KALKARA** LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6/2021

16 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**6.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**6.1.1** Ma kienx hemm

**6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**6.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 5 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**6.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana, il-minuti ġew approvati unanimament

**6.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**6.3.A** Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fuq il-klinika l-ġdida li mistennija tiftaħ fix-xhur li ġejjin dan wara li rajna xi xogħolijiet weqfin minhabba problema ta' xogħol ta' kostruzzjoni li kien hemm bżonn isir dan wara li l-perit imqabbad mill-kunsill ta struzzjonijiet ċari x'wieħed hemm bżonn li jagħmel biex jiġi eliminat kull periklu li fil-preżent hemm. Wara konsultazzjoni bejn il-kunsill u l-kura primarja ġie deċiż illi l-kunsill għandu jieħu ħsieb li jagħmel dawn ix-xogħolijiet bi bniedem tas-sena kif suppost anka ħabba affini ta' liġi u ħabba responsabbilitajiet li wieħed ser jidħol fihom. Il-kunsill ħa ħsieb iġib kwotazzjonijiet u ġie mqabbad bennej biex jagħmel ix-xogħolijiet li hemm bżonn fl-inqas żmien possibli biex b'hekk jitkompla x-xogħol l-ieħor li waqaf minħabba l-periklu li kien hemm. Fil-ġranet li ġejjin ser inkunu qed naraw aktar xogħolijiet f'dan is-sit biex b'hekk noqorbu għal ftuh tal-istess klinika.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward il-librerija pubblika fil-Kalkara fejn fl-aħħar jiem ġew iffinalizzati xogħolijiet li kien fadal pendenti bl-għajnuna tar-residenti fil-faċilita' ta' kordin kif ukoll mill-ħaddiema ta' manutenzjoni tal-istess kunsill. Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek attendew laqgħa mall-amministrazzjoni tal-malta libraries fejn ġew diskussi ċerti teknikalitajiet kif ukoll x'hemm bżonn bħala sistemi li jridu jiġu nstallati biex il-librerija tkun waħda funzjonali mal-ftuħ stess. Fuq nota oħra s-Sindku ssuġġerixxa illi l-librerija tingħata isem formali ta' 'Patri Wistin Born' fejn dan kien kittieb Kalkariż. Il-kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u ġie deċiż illi l-librerija tingħata dan l-isem bix-xieraq il-din il-persuna li tat kontribut fejn jidħlu kotba u li fl-istess ħin kien Kalkariż. Is-

Sinjura Maria Sultana qalet illi peress illi l-librerija taqa' taħt id-dekasteru tagħha xtaqet tkun aktar involuta f'dak li kien qed jiġri u xtaqet li tat daqqa t'id f'dak li kien hemm bżonn. Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek spjegaw illi fl-affarijiet amministrattivi ħadet ħsieb kollox is-Seg Eżek bħala kap amministrattiv u fl-istess ħin ma naħsibx li kien hemm lokk li fix-xogħol li kien hemm bżonn setgħet tagħti daqqa t'id ħabba raġunijiet ovvji, fosthom xogħol tas-sena u kostruzzjoni. Is-Sindku saħaq illi hekk kif noqorbu lejn id-data tal-ftuh ser ikun qiegħed jiftihem mas-Sinjura Sultana biex anka forsi ninvolvu tifel jew tifla tal-iskola Primarja tal-Kalkara u anke f'xi loġistika li jkun hemm bżonn.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar fondi li ntrebħu mill-Kunsill Lokali Kalkara bis-saħħa tal-LESA dan wara li l-kunsill kien ilu għal dawn l-aħħar snin jipprova jġib fondi biex jinxtara 'e van' għal benefiċċju tar-residenti Kalkariżi biex b'hekk ikun jista' jintuża mir-residenti stess għal dak li jkollu bżonn fil-limiti tal-lokal stess. Fix-xhur li ġejjin ser jinħatar board li jintuża normalment biex jinħarġu tenders fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara biex b'hekk jiġi maħruġ tender formali skond il-liġi għal xiri ta' dan il-van kif ukoll tibda l-loġistika li hemm bżonn biex finalment jibda' dan is-servizz fil-lokal. Is-Sur Chris Bruno qal illi tajjeb li wieħed joqgħod attent kif inhi l-prassi biex bniedem ikun jista' jsuq dan il-van jekk hemmx bżonn xi liċenzja speċjali biex kollox ikun konformi mal-ligi. Is-Sindku qal illi dawn huma affarijiet sekondarji u ser jiġu ittekiljati fil-futur qarib meta jinbeda x-xogħol ta' loġistika minnha nfisha.

d Is-Sur Sindku nforma lill-kunsill dwar kummenti fil-midja soċjali li kien hemm f'dawn l-aħħar jiem fuq il-passaġġ li hemm bejn Triq il-Kapuċċini u z-zuntier tal-knisja fejn mingħajr l-ebda sigrieti saħaq jgħid is-Sindku illi kien hemm diżgwit bejnhu u bejn il-kappillan dwaru. Kulħadd jaf illi dan huwa passaġġ pubbliku li jiġi użat minn bosta. Nafu wkoll illi qabel kien hemm persuna tieħu ħsiebu hi b'mod volontarju fejn għal xi raġuni jew oħra dan ma baqax jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel fiż-żona wara li hu stess kellu dizgwid mal-kappillan Tajjeb li wieħed jgħid illi l-ħaddiema tal-kunsill kemm il-darba intbgħatu f'din iż-żona biex jaqtgħu ħaxix, inaddfu l-bins u jsir li hemm bżonn pero' f'ċirkostanzi oħra l-kappillan dejjem saħaq illi hemmhekk hija proprjeta' tal-knisja u mhux tal-kunsill. Is-Sindku qal li tajjeb li wieħed jgħid illi n-nies ma jinteressahomx minn dawn l-anomaliji imma jinterresahom illi l-post ikun nadif u miżmum kif suppost. Is-Sindku saħaq illi hemm bżonn li ssir laqgħa mal-kappillan biex jiġu diskussi dawn il-kwistjonijiet biex jintleħaq kompromess u jiġi ffirmat MOU bejn il-kunsill u l-knisja biex il-ftehim li jintleħaq ikun hemm bil-miktub. Il-kunsill qabel illi tiġi skedata laqgħa u jinsab ftehim bejn iż-żewġ partijiet biex finalment iż-żona tkun miżmuma bl-aħjar mod possibbli bir-restrizzjonijiet kollha li għandu l-kunsill u forsi nuqqas ta' ħaddiema li għandha l-knisja stess.

e Is-Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward il-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt dan wara illi s-Sindku stess kellem lis-CEO tal-GHRC biex jikseb informazzjoni konkreta. Il-GHRC ikkonfermaw illi t-tenders inħargu u ma

jidhirx li hemm problemi jiġifieri qed jisperaw illi l-order to starts works ser tinħareġ aktar tard f'settembru 2021 dan il-għaliex inutli tinħareġ l-order qabel u jkollok ħafna kuntratturi bis-shut down u jerġa' jieqaf ix-xogħol allura tagħmel iktar sens li wieħed jibda u jkompli. Tajjeb li wieħed jifhem li dawn il-preparamenti jieħdu ż-żmien tagħhom pero' wieħed issa jibda jistenna li jara xogħol viżivament fiż-żona.

F Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek preżenta abbozz ta' financial statements li jkopru l-ewwel parti tas-sena biex il-kunsill ikollu stampa ta' dak li qed jintefaq u stampa ta' x'kien il-pjan li jintefaq primarjament. Il-kunsill approva dan id-dokument biex b'hekk ikun anke jista' jittella' online hekk kif inhu rikjest mid-dipartiment skond il-liġi.

g.Punti ġenerali ma kienx hemm

H Ma kien hemm l-ebda punti ġenerali

1 Is-Seg Eżek ippreżentat dokument rigward il-bolla fuq l-onorarja tas-Sindku u l-kunsilliera fejn kulħadd kellu l-għażla jiddeċiedi hu xi jrid fir-rigward kif tinqata' l-bolla mill-onorarja tiegħu stess:

Tinqata' l-bolla kif suppost:

Wayne Aquilina
Vincent Bongailas
Christopher Bruno

Ma tinqatax il-bolla:

Maria sultana
Speranza chrircop

Is-Seg Eżek ser tkun qed tinforma l-accountant biex jieħu nota ta' dan ta' hawn fuq meta jiġi biex jagħmel il-payroll ta' kull xahar.

2 Is-Sindku talab lill-Viċi jattendi laqgħa formali fir-rigward il-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet organizzata mill-AKL fix-xahar ta' Ġunju stess fl-assenza tiegħu biex wara jkun jista' jagħtina resumee ta' dak li ntqal u x'wieħed jista' jagħmel fuq din il-problema fejn ikun possibbli.

3 Assoċjazzjoni tal-kunsilli bagħtet lill-kunsilli kollha MOU ddraftjat bejniethom stess u l-MTA fir-rigward mwejjed u siġġijiet u permessi relatati temporanjament

visa vi l-Covid 19. Wara diskussjoni kostruttiva bejn il-membri tal-kunsill ġie deċiż illi la darba l-Kalkara m'għandix volum ta' 'catering establishments' wieħed m'għandux jissieħeb u jiffirma dan l-MOU ħabba raġunijiet varji.

4 Il-kunsill qabel unanimament li għandu jissieħeb mall-Kottonera fi skema li l-kunsilli jistgħu japplikaw għaliha biex ikollom stewart tal-annimali fil-lokal. Dan ser ikun qed jiġi mħallas mid-dipartiment stess u m'hemm l-ebda spejjeż involuti għal kunsilli rispettivi. Ser jiġi ngaġġat la darba l-applikazzjoni tiġi milqgħuwa għal 8 xhur għal għajnuna f'dak li jirrigwarda annimali fil-lokal.

**6.4 A 1 5.3.c** Is-Sindku nforma l-kunsill illi hekk kif kien ġie ssuġġerit il-bins mitluba mill-MCST għaż-żona ta' taħt Esplora jiġu pprovduti jekk hu possibli minn entitajiet terzi bħala għajnuna lill-istess kunsill kif filfatt hekk ġara wara li s-Sindku stess talab għal għajnuna lill Clean Malta. Fl-istess ħin fuq anke suġġeriment tal-istess kunsill fis-seduta preċedenti ġew diskussi possibiltajiet biex iż-żona titnaddaf minn ħaddiema ta' Clean Malta kif ukoll minn dawk tal-kunsill alternitivament biex wieħed dejjem jara nadif. L-MOU ssuġeriet mill-MCST ser jiġi ffirmat hekk kif jiġu aċċettati xi bidliet li s-Sindku stess għamel u li ppreżenta lill-kunsill waqt din is-seduta biex kulħadd ikun infurmat. Ma kien hemm ħadd li kellu aktar x'jżid u ġie deċiż illi la darba jiġu aċċettati t-tibdli minn naħa tal-MCST wieħed ikun jista' jiffirma għal affini ta' korretezza u referenza għas-snin li ġejjin.

6.4 a 2**5.4.a 4.3g** Is-Sindku kkonferma illi ser ikun qed jikkordina laqgħa annwali iktar tard f'Lulju 2021 dan wara li ma setgħetx issir ħabba li s-Seg Eżek kienet qed tobdi struzzjonijiet industrijali mal-kumpalment tas-Seg Eżek ta' Malta u Ghawdex. Id-data ser tkun qed tintbgħat iktar tard matul ix-xahar.

6.5 a 1 Is-Sur Bongailas talab li Seg tkellem resident partikolari li marru joqgħodu x-Xatt fejn dan kellhu problema bil-bankina tiegħu stess, biċċa għolja minn dik il-bankina msejħa pubblika biex tiggwidah jagħmel dak li għandu bżonn mingħajr ma jkun ta' deterrent għal ħaddieħor.

6.5 a 2 Is-Sur Bongailas qal illi ser ikun qed jagħti aktar dettalji la darba ikollu programm iffinalizzat għal attivita' li ser ikun qed jorganizza bl-isem tat-tberik tal-annimali. Huwa qal illi qed jaħdem biex din l-attivita' ssir fuq iz-zuntier tal-knisja fejn ukoll ser jipprova jġib band biex wieħed jieħu pjaċir. L-attivita x'aktarx ħa ssir fit-3 ta' Ottubru 2021.

6.5 b1 Is-Sinjura Sultana qalet illi r-rendikont tal-attivita' li saret b'risq l-istudenti tal-year 6 fejn anka l-kunsill ħallas l-ikel fuq suġġeriment tagħha ser tkun qed

tagħmlu fis-seduta li jmiss minħabba l-fatt illi għada ma kellha xejn f'idha biex tagħti informazzjoni konkreta.

6.5b2 Is-Sinjura Sultana għaddiet il-kummenti ta' hawn taħt:

Tajjeb li wieħed jinnota l-ħaddiema li qed jaħdmu fi Triq is-Sienja li f'ċerti dati partikolari ser ikun hemm l-eżamijiet fl-iskola primarja biex forsi ma jintużawx inġenji li għamlu ħafna storbju ħabba raġunijiet ovvji.

Borża mitluqa minn xi ħadd mimlija madum fejn l-iskip ta' Triq is-Sienja biex possibilment tinġabar

Ikkonfermata illi hija ġiet maħtura 'president of school' għal darb'oħra dan anke wara li l-kunsill stess innomina għal dan it-titlu. Is-Sindku talabha l-ittra formali li rċeviet bħala referenza għal kunsill stess u biex jinforma lir-residenti anke fuq il-midja soċjali peress illi dan huwa titlu ta' unur għalija stess.

Problema ta' ġrieden fi Triq is-Sienja, Rinella , Filumena u Pjazza tas-Salib. Is-Sindku saħaq illi dawn huma lmenti ta' kuljum u m'humiex ser jiġu diskussi waqt din is-seduta ghaliex l-azzjonijiet dwar l-ilmenti jittiehdu kuljum

Vandaliżmu li qed isir fiż-żona tal-Pjazza tas-Sagra minn xi tfal li joqgħodu fil-viċinanzi. Is-Sindku qal illi jaf bil-problema għaliex kellmuh xi residenti u ser ikun qed ikellem il-community police fil-ġranet li ġejjin biex jieħdu ħsieb iduru fiż-żona.

6.5c1 Is-Sinjura Chircop qalet illi tajjeb li qiegħed ikompli jaħdem fuq il-wirja tax-xogħol tal-idejn illi hija stess kienet issuġeriet biex isir dan wara li ġiet ippostponuta minħabba Covid 19.

6.5 c2 Is-Sinjura Chircop ippreżentat database ta' residenti anzjani li hija żżur f'Jum l-Omm u Jum il-Missier rekoverat f'darhom. Hija saħħqet illi jekk hemm xi nies li forsi kunsilliera oħra jafu bihom u li m'humiex imniżżlin f'din id-database tajjeb li wieħed jinfurmaha ħalli tkun tista' żżidom u żżurom meta jiġu skedati ż-żjarat kif suppost.

6.5 c3 Is-Sinjura Chircop ikkonfermat illi l-ħarġa għal Għawdex għal Ġunju ġiet skedata u ffinalizzata.

6.5 c 4 Is-Sinjura Chircop qalet li ser tipprova tagħmel ġita għal Sqallija għax-xahar ta' Awwissu 2021 ovjament b'ħarsien lejn ir-regoli tal-Covid 19. Hija qalet illi din issir jew ma ssirx skond kemm ikun hemm konkorenza għaliha għaliex forsi wieħed għadu naqra xettiku visavi l-virus stess.

6.5c 5 Is-Sinjura Chircop staqsiet dwar kif wieħed jista' japplika għal double yellow lines mal garage tieghu ersonali minhabba li saret taf li nbidlet il-proċedura. Is-Seg

Eżek spjegatila x'wieħed irid jagħmel u offriet ukoll tagħti l-kuntatt tagħha lir-resident li kien qiegħed isaqsi biex tkellmu hi dirett bħas-soltu.

6.5d1 Is-Sur Bruno għadda kumment fejn qal u kkonferma li sabiħ ħafna residenti fejn ilmentaw rigward il-kedded li ħadu biex biddlu l-indirizzi wara li l-kunsill biddel l-ismijiet ta' xi toroq. Is-Sindku reġa' saħaq illi jifhem li l-proċess u huwa wieħed ta' skariġġ u antipatku pero' jekk nirraġunaw hekk qatt ma jsir xejn. Huwa qal illi dawn l-affarijiet jistgħu jinbidlu meta wieħed imur iħallas kont jew meta tasal biex tinbidel il-liċenzja u li ma kienx hemm għaġġla partikolari avolja hu jifhem illi bniedem ikun irid kollox kif inhu suppost. Apparti dan is-Sindku żied jgħid li indirizz jista' jinbiedel anke fuq ordnijiet oħra, li mhux bilfors jissugerixxi l-kunsill, bħalma pereżempju certu toroq inbidlulhom in-numri tal-bibien biex jiġu konformi mal-uffiċju elettorali

**6.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**6.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**6.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 6.20

**6.7** **Mozzjonijiet**

6.7.1 Sur Wayne Aqilina, is-Sindku għadda mozzjoni biex parti mill-fondi dpf allokati għal Kunsill Lokali Kalkara jintużaw biex jittranġa l-uffiċju amministrattiv tal-kunsill.

Wara diskusjoni bejn il-membri ġie maqbul unanimament illi dawn il-fondi tajjeb li wieħed jużahom għalhekk għall-kunsill , il-ħaddiema u r-residenti stess jixirqilom ambjent aħjar fejn jaħdmu jew jinqdew.

**6.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

6.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-21 ta Lulju 2021 fid: 9:00am.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv